

Brussell, 2 ta' April 2025
(OR. en)

7741/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0076 (NLE)

ENV 232
CLIMA 100
POLMAR 12

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 145 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin fil-Grigal tal-Atlantiku waqt il-laqgħa ministerjali ta' Ġunju 2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 145 final.

Mehmuż: COM(2025) 145 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.4.2025
COM(2025) 145 final

2025/0076 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-
Protezzjoni tal-Ambjent Marin fil-Grigal tal-Atlantiku waqt il-laqgħa ministerjali ta'
Ġunju 2025**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-parti ministerjali tal-laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR ta' Ġunju 2025 tal-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar tal-Grigal tal-Atlantiku (il-“Konvenzjoni OSPAR”).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni OSPAR

Il-Konvenzjoni OSPAR għandha l-għan li ttiproteġi ż-żona marittima tal-Grigal tal-Atlantiku mill-effetti negattivi tal-attivitajiet tal-bniedem biex tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem, tikkonserva l-ekosistemi tal-baħar u, meta fattibbli, tirrestawra ż-żoni tal-baħar li jkunu ntlaqtu ħażin. Għandha 16-il Parti Kontraenti: il-Belġju, id-Danimarka, l-UE¹, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit, u l-Iżvizzera. Il-Konvenzjoni kienet miftuħa għall-iffirmar waqt il-Laqgħa Ministerjali tal-Kummissjonijiet ta' Oslo u ta' Pariġi fit-22 ta' Settembru 1992 u daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Marzu 1998.

2.2. Il-Kummissjoni OSPAR

Il-Kummissjoni OSPAR (stabbilita skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni) hi magħmula minn rappreżentanti ta' kull waħda mill-Partijiet Kontraenti; tiltaqa' f'intervalli regolari u, f'każ ta' ċirkostanzi speċjali, kull meta jkun meħtieġ. Id-doveri tagħha jinkludu s-supervizzjoni tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u r-rieżami tal-prijoritajiet tal-OSPAR, il-kundizzjoni taż-żona marittima, l-effettività tal-miżuri li jkunu qed jiġu adottati, u l-ħtieġa għal kwalunkwe miżura addizzjonali jew differenti.

Skont l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni, kull Parti Kontraenti għandha vot wieħed fil-Kummissjoni OSPAR. L-UE hi intitolata għal għadd ta' voti skont l-għadd tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. L-UE ma għandhiex teżerċita d-dritt tagħha għall-vot jekk xi Stat Membru tagħha jeżerċita d-dritt tiegħu għall-vot, u viċeversa.

Skont l-Artikolu 15(3) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni OSPAR għandha tadotta l-emendi tal-Konvenzjoni b'vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti.

2.3. L-att previst tal-Kummissjoni OSPAR

Waqt il-parti ministerjali tal-laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni OSPAR trid tadotta deċiżjoni li temenda l-Artikolu 1(a) tal-Konvenzjoni biex taggħusta l-limiti taż-żona marittima OSPAR biex tinkludi l-ilmijiet fil-ġurisdizzjoni Portugiża u Spanjola u l-ilmijiet internazzjonali ta' bejniethom².

Dan l-ewwel att previst għandu l-għan li jżid l-ilmijiet ta' madwar il-Makaroneżja (il-Gżejjer ta' Madeira u l-Gżejjer Kanarji) maż-żona marittima tal-OSPAR, u li jiżgura koerenza akbar

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1997 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għal ħarsien tal-ambjent marittimu tal-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1).

² B'kollox, il-proposta tammonta għal żona ta' 2 573 750km², li 875 947km² minnha jinsabu fiż-ŻEE u fl-ilmijiet territorjali Portugiżi u Spanjoli u 1 697 803km² minnha huma ibħra internazzjonali (li 944 425km² minnhom jinsabu fil-blajjet kontinentali estiżi Portugiżi u Spanjoli u 753 378km² huma Żona).

tal-OSPAR mad-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima tal-UE³ (MSFD) u għalhekk biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità rikka u tal-ekosistemi vulnerabbli li hemm fiż-żona tal-Makaroneżja.

L-emenda għall-Konvenzjoni se tidħol fis-seħħ għal dawk il-Partijiet Kontraenti li jkunu rratifikawha, aċċettawha jew approvawha nhar it-tletin jum minn meta l-Gvern Depożitarju jirċievi notifikasi mingħand imqar seba' Partijiet Kontraenti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni OSPAR Wara dan, l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għal kull Parti Kontraenti oħra fit-tletin jum wara d-depożitu tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni jew tal-approvazzjoni rispettiva tagħhom.

Sakemm tidħol fis-seħħ l-emenda għall-Konvenzjoni OSPAR, Spanja, il-Portugall u kwalunkwe Parti Kontraenti oħra, jistgħu japplikawha proviżorjament, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969, b'mod partikolari l-Artikolu 25 dwar "Applikazzjoni proviżorja".

It-tieni att previst hu deċiżjoni OSPAR dwar il-prevenzjoni u t-tneħħija tal-użu u l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti (il-polistiren espandut mhux miksi (EPS), il-polistiren estruż mhux miksi (XPS), u kwalunkwe forma oħra ta' plastik bil-fowm mhux miksi fil-pontuni u fil-bagi) biex ikun evitat ir-rilaxx tal-EPS, tal-XPS u ta' forom oħra tal-plastik bil-fowm li jaslu fl-ambjent tal-baħar.

Id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss (SUPD)⁴ tkopri biss restrizzjonijiet fuq il-prodotti li jintużaw darba biss (kontenituri tal-ikel, kontenituri tax-xorb u tazzi tax-xorb) magħmula mill-EPS. Ma tkoprix il-komponenti relatati mas-sajd magħmula mill-EPS/XPS. Matul in-negozjati dwar l-SUPD diġà kienu ġew ikkunsidrati miżuri ġodda potenzjali li jkopru oġġetti relatati mas-sajd magħmula mill-EPS/XPS; madanakollu d-data disponibbli dak iż-żmien ma kinitx titqies biżżejjed. L-OSPAR issa pprova d-data u l-informazzjoni meħtieġa f'dokument ta' sfond⁵ li jappoġġa d-deċiżjoni proposta.

It-tielet att previst hu miżura tal-OSPAR dwar il-ġestjoni tal-ilma skarikat mis-Sistemi tat-Tindif tal-Gass tal-Egżost (EGCS) installati abbord il-bastimenti li joperaw b'modalitajiet magħluqa u miftuħa.

Il-Partijiet Kontraenti tal-OSPAR huma mħassbin b'mod partikolari dwar l-ilma skarikat mill-EGCS f'żoni li ma jilhqax l-oġġettivi ambjentali għas-sustanzi perikolużi. Dokument ta' sfond li għadu ma ġiex ippubblikat jipprovdi evidenza xjentifika u teknika ċara dwar dan. Dan jissuġġerixxi projbizzjoni ta' skariku għall-bastimenti kollha attrezzati bl-EGCS u li jbaħħru fl-ilmijiet interni u fl-ibħra territorjali bħala miżura tal-ewwel stadju. Ħafna mill-Partijiet Kontraenti jappoġġaw ir-restrizzjoni tal-ilma skarikat mill-EGCS. Madankollu, minoranza (b'mod partikolari n-Norveġja u r-Renju Unit) tinsisti li tistenna għall-miżuri dinjin li se jiġu żviluppati fil-futur permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), għax l-IMO hija l-aktar organizzazzjoni xierqa biex tiżviluppa regoli għat-tbaħħir internazzjonali. Globalment, aktar minn 40 pajjiż (inkluż il-Partijiet Kontraenti tal-OSPAR) adottaw individwalment diversi restrizzjonijiet lokali fuq l-ilmijiet skarikati mill-EGCS u miżura tal-OSPAR tippromwovi l-armonizzazzjoni u ttipprovdi ċ-ċertezza legali lill-partijiet ikkonċernati fuq skala reġjonali. Barra minn hekk, is-segretarjat tal-OSPAR irċieva konferma mingħand is-

³ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent.

⁵ <https://www.ospar.org/documents?v=60598>.

Segretarjat tal-OMI li l-istabbiliment ta' regola reġjonali bħal dik tkun konformi mal-proċeduri tal-IMO.

F'Novembru 2024, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-OSPAR ħadu nota tan-nuqqas ta' kunsens fost il-Partijiet dwar il-livell tal-ambizzjoni ta' miżura possibbli tal-OSPAR. Qablu li tissokta l-ħidma fuq l-iżvilupp ta' abbozz ta' deċizzjoni (l-uniku strument vinkolanti legalment tal-OSPAR), li jiġi ppreżentat bħala alternattiva waqt il-laqgħa ministerjali.

Ġew ifformulati żewġ alternattivi għall-konsiderazzjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-OSPAR dwar l-Impatt Ambjentali tal-Attivitajiet Umani ("EIHA") li se ssir bejn is-7 u l-11 ta' April 2025:

- (i). proposta għal deċizzjoni tal-OSPAR li tipprojbixxi l-iskariki minn bastimenti attrezzati b'EGCSs b'ċirkwit miftuħ u magħluq fl-ibħra territorjali;
- (ii). proposta għal deċizzjoni tal-OSPAR li tipprojbixxi l-iskariki minn bastimenti attrezzati b'EGCSs b'ċirkwit miftuħ u magħluq fl-ilmijiet interni u fiż-żoni tal-portijiet, flimkien ma' proposta għal rakkomandazzjoni tal-OSPAR li trid tiġi applikata fl-ibħra territorjali.

Il-Kummissjoni jidherilha li hemm ħtieġa urġenti li jiġu adottati restrizzjonijiet tal-iskariku tal-EGCS biex l-ambjent tal-baħar jitħares mit-tossiċità tal-iskariki, preferibbilment fil-livell dinji. Iżda fil-livell tal-IMO, minħabba l-enfasi attwali tal-industrija li żżomm il-qafas regolatorju attwali (jiġifieri r-Regolament 4 tal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri) li jippermetti l-użu tagħhom u tirrevedi biss il-linji gwida mhux vinkolanti eżistenti b'ambizzjoni baxxa, m'hemm l-ebda perspettiva ta' approċċ regolatorju adegwat għall-immedjat u għal żmien medju; dan jilleġittimizza r-restrizzjonijiet tal-iskariku fil-livelli nazzjonali jew reġjonali f'diversi partijiet tad-dinja, bħal, fil-każ tal-proposti inkwistjoni, fil-Grigal tal-Atlantiku (ara hawn fuq).

Għalhekk, il-Kummissjoni appoġġat b'mod konsistenti miżura ambizzjuża fl-OSPAR, f'konformità mal-alternattiva (i) imsemmija hawn fuq; fl-istess ħin, minħabba l-kuntest imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni temmen li l-UE għandha turi l-flessibilità u li l-alternattiva (ii) tista' tkun kompromess aċċettabbli; jekk xi Partijiet Kontraenti ma jaċċettawx lanqas dan il-livell ta' ambizzjoni, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Ministri, kif deċiż ukoll mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-OSPAR f'Novembru li għadda.

Ir-raba' att previst hu Rakkomandazzjoni OSPAR dwar l-aqwa prattiki għall-ġestjoni tal-iskart fil-baħar, u l-ħames att previst hu Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għal miżuri kkoordinati għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-istorbju taħt l-ilma.

Ir-Rakkomandazzjoni proposta dwar l-applikazzjoni tal-aqwa prattika ambjentali biex jitnaqqas l-iskart fil-baħar għandha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmu għar-rappurtar dwar kif il-Partijiet Kontraenti qed japplikaw u jxerrdu l-aqwa prattika (żviluppata bħala "Ftehimiet Oħra" tal-OSPAR) kontra l-iskart fil-baħar, fuq l-impatt tagħhom u fuq il-ħtieġa li jiġu rieżaminati jew irtirati prattiki skaduti. Il-Pjan ta' Azzjoni reġjonali tal-OSPAR dwar l-istorbju taħt l-ilma jidentifika l-aktar azzjonijiet importanti li jridu jiġu implimentati fuq skala reġjonali biex l-istorbju antropoġeniku taħt l-ilma jitnaqqas għal livelli li ma jaffettwawx ħażin l-ambjent tal-baħar; wieħed mill-għanijiet tiegħu hu li jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-UE relatati mal-istorbju taħt l-ilma mill-Partijiet tal-OSPAR li huma wkoll Stati Membri tal-UE.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-Artikolu 6(1) tal-MSFD jeżiġi li l-Istati Membri jużaw “l-istrutturi ta’ kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali eżistenti, inkluż dawk taħt il-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali, li jkopru dak ir-reġjun jew is-sottoreġjun tal-baħar” biex jikkordinaw l-istrateġiji marini tagħhom. Skont l-Artikolu 4 tal-MSFD, is-sottoreġjun tal-Makaroneżja hu parti mir-reġjun tal-Atlantiku tal-Grigal. Hu l-akbar sottoreġjun tal-baħar fl-ibħra Ewropej u għandu diversità rikka ta’ habitats u speċijiet, inkluż uħud li huma inklużi fil-lista tal-OSPAR ta’ “habitats ta’ speċijiet mhedda u/jew li qed jonqsu”. Bħalissa, iż-żona marittima tal-OSPAR tkopri biss parzjalment l-ilmijiet tas-sottoreġjun tal-Makaroneżja kif delimitat u miftiehem fil-livell tal-UE.

Spanja u l-Portugall, l-uniċi pajjiżi tal-UE u tal-OSPAR li għandhom ilmijiet territorjali fil-Makaroneżja, ħolqu proposta konġunta biex jemendaw il-Konvenzjoni OSPAR ħalli jallinjaw iż-żona marittima tal-OSPAR mad-delimitazzjonijiet tal-MSFD. Allinjament bħal dan se jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-MSFD għal dawn iż-żewġ pajjiżi b’kooperazzjoni msaħħa fil-livell tal-OSPAR. Dan se jsaħħaħ ukoll il-protezzjoni tal-ispeċijiet u l-habitats vulnerabbli ta’ dan ir-reġjun u tal-bijodiversità tal-baħar u kostali unika tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-OSPAR proposta dwar ir-restrizzjoni ta’ ċerti prodotti tal-EPS/XPS għandha appoġġ xieraq tal-evidenza u tikkonforma mal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-plastik tal-ibħra, bħall-SUPD u l-MSFD; u għalhekk qed jiġi propost li l-UE tappoġġa l-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

Jeħtieġ tittieħed azzjoni mmirata biex jitnaqqsu l-iskariki tal-EGCS abbord il-bastimenti fil-Grigal tal-Atlantiku; dan jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-UE bħall-MSFD, id-Direttiva (UE) 2016/802 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f’ċerti karburanti likwidi, id-Direttiva dwar it-Tniġġis mis-Sors tal-Bastimenti (2005/35/KE) u l-pożizzjonijiet fl-IMO u f’fora internazzjonali oħra, inkluż il-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali madwar l-Ewropa; dan se jiffaċilita l-isforzi tal-Istati Membri biex jiksbu status ambjentali tajjeb (GES) skont l-MSFD u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma⁶, b’mod partikolari fir-rigward tal-kontaminanti.

Jekk tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-gwida tal-aqwa Prattika Żviluppata fil-Pjanijiet ta’ Azzjoni Reġjonali dwar l-Iskart fil-Baħar u adottata mill-OSPAR, din tikkontribwixxi biex jonqos l-iskart fl-ambjent tal-baħar, u għalhekk qed jiġi propost li l-UE tappoġġa l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni relatata msemmija hawn fuq.

Miżuri kkoordinati reġjonalment fl-OSPAR jistgħu jnaqqsu l-istorbju taħt l-ilma u jipproteġu l-ħajja u l-bijodiversità tal-baħar, kif ukoll jikkontribwixxu għal implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE, b’mod partikolari l-MSFD; u għalhekk qed jiġi propost li l-UE tappoġġa l-adozzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni reġjonali tal-OSPAR dwar l-istorbju taħt l-ilma.

L-emenda prevista għall-Konvenzjoni OSPAR u d-deċiżjoni prevista dwar il-prevenzjoni u t-tneħħija tal-użu u l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta’ ċerti prodotti huma legalment vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti fil-kuntest tal-OSPAR; id-deċiżjoni prevista dwar il-ġestjoni tal-ilma skarikat mis-Sistemi tat-Tindif tal-Gass tal-Egżost (EGCS), ir-rakkomandazzjoni għall-ġestjoni tal-iskart fil-baħar u l-Pjan ta’ Azzjoni Reġjonali għal miżuri kkoordinati għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-istorbju taħt l-ilma se joħolqu effetti legali skont id-dritt internazzjonali. Fid-dawl tal-laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR bejn it-23 u s-27 ta’ Ġunju 2025, hi meħtieġa pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-miżuri previsti li huma ppjanati li jiġu adottati. Peress li dawn se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE

⁶ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

u jevitaw il-ħsara lill-ambjent u lill-bijodiversità tal-baħar filwaqt li jtejb u l-protezzjoni tagħhom, hu propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tagħhom.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tal-liġi internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”⁷.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kummissjoni OSPAR hi korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni OSPAR.

L-atti li l-Kummissjoni OSPAR hi mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali fis-sens tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE għax:

- id-deċiżjonijiet OSPAR kollha huma vinkolanti legalment għall-Partijiet Kontraenti, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni OSPAR;
- Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-aqwa Prattika Ambjentali biex jitnaqqas l-iskart fil-baħar u l-Pjan ta’ Azzjoni Reġjonali dwar l-Istorbju taħt l-Ilma jiġġeneraw effetti legali skont id-dritt internazzjonali, fis-sens li joħolqu obbligi *in bona fide* fuq il-Partijiet Kontraenti biex jimplimentawhom.

Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni, din issewwi mill-fatt li l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni OSPAR espliċitament jagħti l-kompitu lill-Kummissjoni OSPAR biex tadotta rakkomandazzjonijiet, u li l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni OSPAR jobbliga lill-Partijiet Kontraenti jirrapportaw dwar il-konformità tagħhom mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSPAR u jippromwovu l-implimentazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, il-Pjan ta’ Azzjoni Reġjonali għal miżuri kkoordinati għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-istorbju taħt l-ilma se joħloq ukoll effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE għax dan l-istrument jistabbilixxi sensiela ta’ objettivi/miżuri konkreti li jridu jiġu implimentati, fost l-oħrajn, mill-Partijiet Kontraenti, biex jitnaqqsu l-livelli tal-istorbju taħt l-ilma u għalhekk qed joħloq obbligu *in bona fide* skont id-dritt internazzjonali għall-Partijiet Kontraenti biex jimplimentaw dawn il-miżuri mhux legalment vinkolanti.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni OSPAR. Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni fir-rigward tiegħu f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi wieħed mill-atti tal-Kummissjoni OSPAR se jemenda l-Konvenzjoni OSPAR, li l-Unjoni hi Parti għaliha, jixraq li wara l-adozzjoni tagħha, din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin fil-Grigal tal-Atlantiku waqt il-laqgħa ministerjali ta' Ġunju 2025

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni OSPAR ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluzja mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1997⁸ u daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Marzu 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni stabbilita bl-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni ("il-Kummissjoni OSPAR") tista' tadotta Deċiżjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.
- (3) Il-Kummissjoni OSPAR, waqt it-28 sessjoni/laqgħa regolari tagħha li tibda fit-23 ta' Ġunju 2025, għandha tadotta (i) Deċiżjonijiet għall-aġġustament tal-limiti taż-żona marittima tal-OSPAR biex tkun tinkludi il-mijiet fil-ġurisdizzjoni Portugiża u Spanjola u l-il-mijiet internazzjonali ta' bejniethom, għar-restrizzjoni ta' ċerti prodotti biex ikun evitat ir-rilaxx tal-plastik fl-ambjent tal-baħar, u dwar il-ġestjoni tal-ilma skarikat mis-Sistemi tat-Tindif tal-Gass tal-Egżost (EGCS) installati abbord il-bastimenti; (ii) Rakkomandazzjoni dwar l-aqwa prattiki għall-ġestjoni tal-iskart fil-baħar; u (iii) Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għal miżuri kkoordinati għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-istorbju taħt l-ilma.
- (4) Jixraq tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni OSPAR, għax il-miżuri previsti li tiegħu din tal-aħħar se jgħolqu effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun li tivvota favur il-miżuri tal-OSPAR imsemmija hawn fuq għax dawn se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE u jevitaw il-ħsara lill-ambjent u l-bijodiversità tal-baħar filwaqt li jtejbu l-protezzjoni tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt [it-28] laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR li se tibda fit-23 ta' Ġunju 2025 għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-miżuri li ġejjin:

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1997 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għal ħarsien tal-ambjent marittimu tal-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1)

- (a) id-Deċiżjonijiet dwar l-aġġustament tal-limiti taż-żona marittima tal-OSPAR biex jiġu inklużi il-mijiet fil-ġurisdizzjoni Portugiża u Spanjola u l-il-mijiet internazzjonali ta' bejniethom; dwar ir-restrizzjoni ta' ċerti prodotti biex ikun evitat ir-rilaxx tal-plastik fl-ambjent tal-baħar; dwar il-ġestjoni tal-ilma skarikat mis-Sistemi tat-Tindif tal-Gass tal-Egżost (EGCS) installati abbord il-bastimenti;
- (b) ir-Rakkomandazzjoni dwar l-aqwa prattiki għall-ġestjoni tal-iskart fil-baħar;
- (c) il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għal miżuri kkoordinati għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-istorbju taħt l-ilma.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil biex tiġi rfinata l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1, fid-dawl tal-iżviluppi waqt il-laqgħa tal-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni OSPAR bejn l-14 u s-16 ta' Mejju 2025 jew waqt it-28 laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR bejn it-23 u s-26 ta' Ġunju 2025, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*